**3 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Philip Chircop

## Kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati

*Huwa paċifiku li meta l-Avukat Ġenerali jibghat lura l-atti tal-kumpilazzjoni biex il-każ jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati, l-unika haġa li biha jkun vinkolat il-Maġistrat hija li ma ghandux aktar jikkunsidra illi mill-fatti jista' jkun hemm reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali. Il-Maġistrat jibqa' liberu ghal kull haġa oħra. Il-posizzjoni tkun daqs kieku mill-ewwel il-kawża tkun bdiet bħala waħda ta' kompetenza inferjuri in bażi ghall-imputazzjonijiet imsemmija mill-Avukat Ġenerali. Il-Maġistrat jista', peress li kif inhu paċifiku ċ-ċitazzjoni fil-kawżi ta' isfel mhix il-bażi essenzjali u assoluta ta' l-imputazzjoni, isib l-imputat ħati ta' reat iehor ta' kompetenza inferjuri, salv li jagħtih żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni ġdida.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tat-13 ta' Awissu, *1996* li biha l-*Qorti tal-*Maġistrati (Malta), sabet lill-imputat ħati ta' serq ta' *car radio/ cassette* mill-vettura numru J-8386 kif ukoll li huwa reċidiv u kkundannatu disa' xhur priġunerija;

U sabitu ukoll ħati li kkommetta r-reat ta' serq matul perijodu operattiv ta' sentenza sospiża u *ai termini* ta' l-artikolu 28B tal-Kap. 9 ordnat li s-sentenza mogħtija kontra l-imputat b'sentenzi ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Novembru, 1993, 18 ta' Jannar, 1994 u 30 ta' Jannar, 1995 ghandhom jibdew iseħħu;

U ordnat ukoll lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi fin-nomina ta' l-esperti in konnessjoni mas-serq meritu ta' din il-kawża fi żmien xahar mindu lilu jiġu nnotifikati;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-Qorti tikkonferma dik is-sentenza f'dik il-parti fejn sabitu ħati ta' serq aggravat u kkundannatu disa' xhur priġunerija u tħassarha f'dik

il-parti fejn sabet lill-imputat ħati li *kkommetta r-reat ta' serq* matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenzi ddatati 9 ta' Novembru, 1993, *18 ta'* Jannar, 1994 u 30 ta' Jannar, 1995;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell tikkunsidra illi:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma setgħetx, kif għamlet, tordna li jiġu reżi operattivi s-sentenzi msemmijin tad-9 ta' Novembru, 1993 u 18 ta' Jannar, 1994;

Dan l-aggravju huwa ġust. Di fatti b'sentenza tas-6 ta' Ottubru, 1995 fil-kawża **Il-Pulizija kontra Philip Chircop** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat li s-sentenza msemmija tat-18 ta' Jannar, 1994 tibda sseħħ. Jirriżulta li dik is-sentenza effettivament bdiet isseħħ qabel ma ġiet mogħtija s-sentenza appellata. Barra minn hekk is-sentenza msemmija tad-9 ta' Novembru, 1993 bdiet isseħħ ukoll qabel id-data tas-sentenza appellata b'ordni ta' din il-Qorti ta' l-Appell li b'sentenza tat-12 ta' Diċembru, 1995 ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta' Mejju, 1995 fil-kawża: **Il-Pulizija kontra Philip Chircop**;

Aggravju ieħor ta' l-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ordnat li tiġi reża operattiva sentenza sospiża mogħtija fit-30 ta' Jannar, 1995 u dan skond l-appellant għamlitu erronjament stante li l-appellant ma kienx akkużat fl-imputazzjoni odjerna li kkommetta r-reat odjern matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża tat-30 ta' Jannar, 1995;

Fir-rigward ta' dan l-aggravju jiġi nnotat li l-proċeduri preżenti bdew bħala kompilazzjoni bil-preżentata ta' l-appellant quddiem il-Qorti Istruttorja akkużat b'serq, bir-reċidiva u bil-kommissjoni ta' dak is-serq *fil-perijodu operattiv taż-żewġ*

sentenzi sospiżi msemmijin fil-paragrafu 1 hawn fuq. Huwa veru li f'dik il-preżentata ma ġietx imsemmija s-sentenza in kwistjoni tat-30 ta' Jannar, 1995;

Jiġi rrilevat li fin-nota tiegħu ta' rinviju tas-16 ta' Frar, 1996 l-Avukat Ġenerali bagħat *l-atti lill-Ewwel Qorti biex* tiġġudika lill-appellant dwar dak ikkontemplat f'numru ta' artikoli tal-liġi, li fosthom hemm l-artiklu 28B tal-Kodiċi Kriminali;

Huwa paċifiku li f'każijiet simili meta l-Avukat Ġenerali jibgħat lura l-atti lill-Maġistrat, l-unika ħaġa li biha jkun *vinkolat il-Maġistrat hija li ma għandux aktar jikkunsidra illi* mill-fatti jista' jkun hemm reat ta' kompetenza tal-Qorti *Kriminali. Il-Maġistrat jibqa' liberu għal kull ħaġa oħra.* Il-posizzjoni tkun daqs kieku mill-ewwel il-kawża tkun bdiet bħala waħda ta' kompetenza inferjuri in bażi għall-imputazzjonijiet imsemmija mill-Avukat Ġenerali. Il-Maġistrat jista', peress li, kif inhu paċifiku, iċ-ċitazzjoni fil-kawżi ta' isfel *mhix il-bażi essenzjali u assoluta ta' l-imputazzjoni, isib l-*imputat ħati ta' reat ieħor ta' kompetenza inferjuri salv li jagħtih *żmien biex jiddefendi ruħu* kontra l-imputazzjoni ġdida (ara **Il-Pulizija kontra Antonio Barbara** deċiża minn din il-Qorti ta' l-Appell per Onor. Mħallef W. Harding fit-2 ta' Diċembru, 1939 Kollez. Vol. XXX.IV.631);

Fil-każ preżenti l-Avukat Ġenerali, kif ġa ntqal, bagħat l-atti lill-Ewwel Qorti biex tiġġudika lill-appellant dwar l-artikolu, fost oħrajn, 28B *tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu* jikkontempla l-każ tas-sejbien tal-ħtija ta' reat punibbli bil-priġunerija kommess matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Fl-ewwel istanza l-pulizija esebiet kopja tas-sentenza sospiża in kwistjoni tat-30 ta' Jannar, 1995 biex tipprova li l-appellant kien ikkommetta s-serq odjern fil-perijodu operattiv

ta' dik is-sentenza. Din il-prova ma saritx b'sorpriża ta' l-appellant. Kellu l-opportunita' kollha li jopponiha, bħal ma oppona ruħu fir-rigward taż-żewġ sentenzi l-oħra kif jidher mill-verbal tal-15 ta' Mejju, 1996 fl-ewwel istanza. L-Ewwel Qorti mbagħad korettement ittrattat ma' l-appellant dwar is-sentenza msemmija tat-30 ta' Jannar, 1995 skond l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, iċċitat fir-rinviju ta' l-Avukat Ġenerali;

Għall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi:

Tirrevokaha in kwantu li biha l-appellant ġie misjub ħati li kkommetta r-reat ta' serq matul il-perijodu operattiv tas-sentenzi sospiżi mogħtija kontra l-appellant mill-Qorti tal-Maġistrati fid-9 ta' Novembru, 1993 u 18 ta' Jannar, 1994 u in kwantu li biha ġie ordnat li dawn is-sentenzi jibdew iseħħu - u minflok tiddikjara li r-reat tas-serq ma ġiex kommess fil-perijodu operattiv ta' l-istess sentenzi; u

Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, kompriż fl-ordni li tibda sseħħ is-sentenza sospiża fuq imsemmija tat-30 ta' Jannar, 1995.